



# Dun Karm u San Ġużepp



Forsi l-aktar żmien li naħsbu f' San Ġużepp huwa fil-Milied fejn flimkien ma' Ġesù u ma' Marija jisboq l-importanza ta' kull pastur li npoġġu fil-presepju. Iżda l-qima lejn dan il-qaddis hija antika ħafna fostna l-insara. Sa mis-seklu 15 insibu l-festa tiegħu, iċċelebrata fid-data fissa tad-19 ta' Marzu, li skond it-tradizzjoni liturġika din kienet id-data tal-mewt qaddisa tiegħu. Imbagħad fl-1621 il-Papa Gregorju XV estenda din id-data mal-Knisja universali. Tajjeb ngħidu wkoll, li fl-1870 il-Beatu Papa Piju IX ħatar lil San Ġużepp patrun ta' l-istess Knisja.

M'hemmx dubju, l-importanza mogħtija lil dan il-qaddis hija marbuta mal-missjoni li kellu jaqdi fuq din l-art, kif ukoll mas-sehem li kellu fit-twettiq tal-misteru tal-fidwa tagħna l-bnedmin. Fil-gżejjer tagħna, bir-raġun kollu nistgħu nistqarru, li San Ġużepp huwa qaddis popolari ħafna. Araw kemm Maltin u Għawdxin, iġibu ismu, kemm djar jissemmew għalih, kemm kwadri u statwi artistiċi tiegħu jżejnu l-knejjes tagħna. Dan barra li tliet parroċċi għandhom lil San Ġużepp bħala titular, fosthom din ta' l-Imsida.

Il-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, għalkemm it-titular tagħha huwa San Filep, b'danakollu, San Ġużepp huwa l-festa sekondarja ( bħal f'dik ta' Ħal Għaxaq). Għalhekk, kif wieħed jistenna, f'dan ir-raħal, id-devozzjoni lejn il-Patrijarka San Ġużepp hija qawwija ħafna. Mhux ta' b'xejn allura naraw lill-Poeta Nazzjonali tagħna, Dun Karm Psaila (1871 - 1961), li kien Żebbuġi, jinseġ tliet poeżiji lil dan il-qaddis.

Tnejn minnhom huma innijiet **Innu lill-Patrijarka San Ġużepp** u **Innu lil San Ġużepp.** Imbagħad Dun Karm kiteb ukoll il-poeżija **San Ġużepp lill-Ħaddiem Nisrani.** F'dawn it-tliet xogħlijiet, il-poeta juri l-imħabba li kellu lejn dan il-qaddis u x-xewqa tiegħu li jesponih għall-qima tagħna lkoll minħabba l-virtujiet sbieħ li kien imżejjen bihom.

**Innu lil San Ġużepp**
Dan l-innu nkiteb minn Dun Karm fi żmien meta pajjiżna kien għaddej minn gwerra qalila. Fil-fatt, tkanta għall-ewwel darba f'Ħaż-Żebbuġ fil-25 ta' Lulju 1943. L-innu jikkonsisti f'erba' kwartini ritonell li jirrepeti ruħu. Il-kwartini huma msejsin fuq il-vers ta'l-għaxra, filwaqt li r-ritornell hu mibni fuq dak tas-sebgħa. Ir-rima hija waħda mqabbża.

L-innu hu forma ta' talba lill-qaddis. Dun Karm jitlob lil San Ġużepp biex kif hu f'din id-dinja ħares lil martu Marija u lil binha Ġesù **fit-tiġrib,** hekk ukoll iħares lill-gżejjer Maltin mill-**gwerra bla ħniena** li ma ħallietx ħlief **ħerba ta' bliet imkissrin.**

Il-poeta jagħmel referenza għall-poplu Żebbuġi, li f'jum il-festa ta' dan il-qaddis, donnu nesa l-jiem koroh li kien għaddej minnhom u feraħ u serraħ rasu għax kellu tama qawwija li San Ġużepp kien sar jidħol għalih u jġiblu lura **il-jiem tas-sliem.**

**Innu lill-Patrijarka San Ġużepp**

It-tieni innu huwa ferm itwal, fil-fatt fih sbatax-il strofa kollha msejsin fuq il-vers tat-tmienja, vers mexxej għall-aħħar. Kull strofa fiha sitt versi u r-rima tinsab fit-tieni, fir-raba' u fis-sitt vers.

Hawnhekk Dun Karm jiehu l-ħajja li San Ġużepp għadda fuq din l-art. Wara li jfaħħar lill-qaddis għall-virtujiet sbieħ li kellu, bħal donnu jinfexx jirrakkonta l-ġrajjiet sbieħ u koroħ li l-qaddis għadda minnhom meta kellu taħt il-ħarsien tiegħu l-familja mqaddsa.

Isemmi d-dubju li ġieh meta ġie biex jieħu b'martu lil Marija u sab li din kienet diġa' qiegħda ġġorr tarbija fi ħdanha. Imbagħad jgħaddi għall-ferħ li ġarrab San Ġużepp meta ra jitwieled lil Ġesù Bambin ġewwa Betlem u ż-żmien li qatta' miegħu u ma' Marija fid-dar tagħhom ġewwa Nazaret.

Iżda dik l-hena ċċajpret meta f'ħin bla waqt Ġużeppi kellu jaħrab mal-familja mqaddsa lejn l-Eġittu għax Erodi kien ħalef li joqtol lil Ġesù. Pero', San Ġużepp laħaq miet qabel ma Ġesù ġie kkundannat bla ħtija u mogħti l-mewt kiefra tas-salib. **Ma rajtux int, O Ġużeppi, lil dak ibnek fit-tiġrib,** jgħidlu Dun Karm b'referenza għall-passjoni u l-mewt li ġarrab Ġesù.

Il-poeżija tintemm billi l-poeta jfakkarna li llum San Ġużepp jieħu ħsiebna bħala insara għax hu protettur tal-**Knisja tat-tajbin fejn jingħaqdu f'bewsa waħda** nies ta' kull strata fil-ħajja. Fost il-virtujiet li Dun Karm ifaħħar f'dan il-qaddis isemmi l-umiltà, l-ubbidjenza, il-fidi u l-imħabba.

**Għeluq**

F'dawn il-poeżiji ninnutaw li t-tnejn huma differenti fit-tifsila, iżda fil-ħsieb hemm diversi punti komuni. Ċertament, huma xhieda tad-devozzjoni li Dun Karm kellu lejn San Ġużepp. M'għandniex xi ngħidu, il-ħsieb ewlieni warajhom huwa li l-poeta filwaqt li jpoġġilna quddiemna l-kobor ta' dan il-qaddis, iħajjarna biex nimitaw il-virtujiet li kien imżejjen bihom.

Jalla San Ġużepp ibierek lid-devoti veri tiegħu, u jiena ċert li fl-aktar mument kruċjali ta' ħajjitna nsibuh maġenbna, joffrilna idu biex iwassalna sa ħdejn martu Marija u Binha Ġesù.

**Alfred Massa**

**Pawlu Vella**
**ta' Ideal Store**
fi Triq il-Kunċizzjoni, Msida
jixtieq lill-Parruċċani u
lill-Msidjani kollha
*Il-Festa t-Tajba*